MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2015

Numru. 478/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Joseph Boatimah**

**(Karta tal-Identita` Spanjola numru E14650985)**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Joseph Boatimah:

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' Ottubru 2014 u fil-jiem ta' qabel:

a) Biegh jew xort'ohra traffika l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha u dan bi ksur tal-Artikolu 8(e) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tad-19 ta' Dicembru 2014, l-imputat irregistra ammissjoni ghaz-zewg imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni u s-suggerimenti tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat fir-rigward taz-zewg imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u anke in vista tal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-istess imputazzjonijiet.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat fl-ewwel lok illi l-ammissjoni tal-imputat ma kinitx wahda bikrija, tant illi huwa rregistra l-ammissjoni tieghu wara li l-Prosekuzzjoni diga` kienet iddikjarat il-provi taghha maghluqa u wara li diga` kienu gew mizmuma seba' seduti qabel is-seduta li fiha l-imputat irregistra tali ammissjoni. Fil-fehma tal-Qorti, il-Prosekuzzjoni kienet ippruvat il-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, anke ghaliex l-imputat inqabad *in flagrante* mill-pulizija waqt li kien qieghed jghaddi d-droga lil terza persuna, certu Razvan-Claudiu Dobritanu, li xehed fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2014 u kkonferma illi fil-fatt huwa kien xtara zewg pakketti tal-*cannabis* minghand l-imputat bil-prezz ta' tletin Euro. Minkejja l-ammissjoni tieghu fis-seduta tad-19 ta' Dicembru 2014, l-imputat xorta hela l-hin tal-Qorti u r-rizorsi tal-Pulizija, u ghalhekk m'ghandu jibbenefika minn ebda riduzzjoni fil-piena ghall-fatt li huwa irregistra din l-ammissjoni.

Il-Qorti qieset ukoll illi mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut[1], jirrizulta illi fl-estratti mehuda mill-haxix ta' lewn ahdar, analizzat mill-istess espert, instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*, li l-piz totali tas-sustanza kien ta' 10.58 grammi u l-purita` kienet ta' cirka 6.5%. Mix-xhieda tal-istess espert[2], jirrizulta wkoll illi din il-purita` hija wahda normali. Qieset ukoll illi l-istess sustanza kienet maqsuma f'sitt pakketti.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fedina penali tal-imputat, li hija wahda netta u applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fis-sens illi qieset illi r-reat ikkontemplat fl-imputazzjoni (b) serva bhala mezz ghal fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat fl-imputazzjoni (a).

[1] A fol. 115 *et seq* tal-process.
[2] A fol. 113 *et seq* tal-process.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(d), 8(e), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal piena ta' **tminn (8) xhur prigunerija effettiva –** li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li taghhom instab hati permezz ta' din is-sentenza u **multa ta' seba' mija u hamsin Euro (€750)**, li ghandha tithallas immedjatament. Fin-nuqqas, din tigi konvertita fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Il-Qorti tordna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9, ossia l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' mitejn, sebgha u ghoxrin Euro u tlett centezmi (€227.03) u l-ispejjez konnessi mat-traduzzjoni maghmula minn Imelda Fede[3] ammontanti ghas-somma ta' wiehed u erbghin Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€41.24), f'total tali spejjez ta' mitejn, tmienja u sittin Euro u sebgha u ghoxrin centezmu (€268.27), liema spejjez ghandhom jithallsu mill-hati minnufih. Fin-nuqqas din is-somma tigi konvertita fi prigunerija bir-rata ta' jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga, Dokumenti PG 6 u PG 7, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

[3] Ara digriet a fol. 23 tal-process, konferma tan-nomina tal-istess Imelda Fede permezz ta' digriet a fol. 58 tal-process u traduzzjoni maghmula minn Imelda Fede a fol. 65 *et seq* tal-process.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------